# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2017.**

**Talba Nru: 439/2016PA**

**Michael Attard Limited**

**vs**

**Lazam Ahmed Abras**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fl-10 ta' Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li l-konvenut jiġi kundannat iħallas is-somma ta' elf, mija u tmienja u disgħin Ewro, erbgħin ċenteżmu (€1,198.40ċ) rappreżentanti import ta' seba' kambjali skaduti, aċċettati u ffirmati mid-debitur, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-Risposta preżentata mill-konvenut Lazam Ahmed Abras fil-11 ta' Novembru 2016 li permezz tagħha eċċepixxa li t-talba fil-konfront tiegħu hija infondata fil-fatt u fid-

dritt, stante li l-obbligazzjoni kuntrattata bejn il-partijiet illum hija estinta; u illi għalhekk ma jeżisti ebda ammont li huwa għandu jħallas lis-soċjeta' attriċi.

Ra l-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Novembru 2016 meta, fuq talba tat-Tribunal, id-difensur tal-konvenut iċċarat li l-istess konvenut qed jikkontendi li l-obbligazzjoni tal-ħlas mertu tal-kawża spiċċat meta s-soċjeta' attriċi ħadet lura l-pussess tal-vettura tal-għamla Ssangyong bin-numru ta' reġistrazzjoni ittri JBS numri żero sitta wieħed (061).

Ra l-kopji tal-kambjali li tagħhom qed jintalab il-ħlas b'din il-kawża, konsistenti f'seba' (7) kambjali, enumerati erbgħa (4) sa għaxra (10), iż-żewġ numri inklużi, datati lkoll 13 ta' Novembru 2015, għall-ammont ta' mija, tlieta u sebgħin Ewro, erbgħa u tmenin ċenteżmu (€173.8ċ) 'il waħda, u li skadew rispettivament bejn it-13 ta' Marzu 2016 u 13 ta' Settembru 2016.

Sema' x-xiehda tal-konvenut Abras Lazam Ahmed li ddikjara li huwa kien xtara vann Ssangyong mingħand is-soċjeta' attriċi, u li waqt li hu kien imsiefer, dan kienet tużah l-għarusa tiegħu. Qal li sakemm kien imsiefer, ma ħħllas xejn mill-prezz tiegħu. Meta mbagħad temm ir-relazzjoni li kellu mas-sieħba tiegħu, huwa ħa lura l-vann lis-soċjeta' attriċi. Qal li r-rappreżentanti tagħha qalulu li l-vann kellu ħafna ċitazzjonijiet, u hu infurmahom li kien lest li jħallas, għalkemm kellu bżonn tlett ġimgħat. Skond il-konvenut, dan kollu ġara f'Lulju 2016. Skond huwa wkoll, sakemm imbagħad ħallas, is-soċjeta' attriċi laħqet għamlitlu din il-kawża, u sekwestru, filwaqt li qalulu li kellu €721 f'ċitazzjonijiet.

Mistoqsi mit-Tribunal jekk ħallasx il-kambjali li tagħhom qed jintalab il-ħlas b'din il-kawża, il-konvenut iddikjara li kien qed iħallashom fix-xahar, għalkemm qal ukoll li meta rritorna l-vettura lis-soċjeta' attriċi waqaf iħallas. Mistoqsi mit-Tribunal meta rritorna l-vettura lis-soċjeta' attriċi, il-konvenut iddikjara li ma jiftakarx, għalkemm qal li jista' jkun li dak kien f'Lulju 2016, jew qabel. Il-konvenut iddikjara li lest iħallas iċ-ċitazzjonijiet.

In kontro-eżami, il-konvenut iddikjara li huwa jagħraf il-firma tiegħu fuq is-seba' kambjali eżibiti fil-process bħala l-firma tiegħu.

Sema' wkoll ix-xiehda ta' Stefan Sacco, rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, li għaraf huwa wkoll il-firma tiegħu fuq l-istess kambjali, u ddikjara li l-istess kambjali għadhom ma tħallsux sallum. In kontro-eżami, ix-xhud ma kienx f'qagħda jwieġeb għall-mistoqsija li saritlu dwar fejn tinsab din il-vettura llum. Huwa ċċara li l-firma tiegħu fuq il-kambjali saret biex awtentika l-kopji preżentati fl-atti.

Ikkunsidra li:

Din hija azzjoni kambjarja tentata mis-soċjeta' attriċi sabiex tirċievi l-ħlas dovut lilha fuq seba' (7) kambjali ffirmati bejnha u l-konvenut, li skadew bejn it-13 ta' Marzu 2016 u t-13 ta' Settembru 2016. Is-soċjeta' attriċi targumenta li l-prova mistennija minnha f'kawża bħal din tikkonsisti fi (i) prova tal-eżistenza tal-kambjala aċċettata mill-konvenut; (ii) prova li l-ammont dovut skond il-kambjala ma tħallasx. Il-konvenut jippretendi li m'għandu jħallas xejn għaliex il-kambjali saru għall-ħlas tal-prezz ta' vettura mibjugħa lilu mis-soċjeta' attriċi, liema vettura huwa jgħid li rritornaha lill-istess soċjeta' attriċi, li aċċettatha, u ħelsitu mill-obbligu tal-ħlas.

Fost diversi sentenzi tal-qrati superjuri u inferjuri li trattaw din l-azzjoni, meta l-kambjala ma tkunx ġirata, u l-ħlas tagħha jintalab kontra t-traent, it-Tribunal jagħmel riferenza għas-sentenza riċenti mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ **George Zammit vs Angelic Mifsud et**, fejn il-Qorti studjat in-natura tal-kambjala, u wara li qieset id-disposizzjonijiet applikabbli fil-Kodiċi tal-Kummerċ, tat rassenja tal-ġurisprudenza sallum dwar il-kwistjonijiet li jistgħu jiġu sollevati, u kunsidrati, f'azzjoni bħal din.

L-**art. 199** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** jipprovdi li *'Ma tistax issir opposizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur'*.

Huwa minnu, kif sostniet is-soċjeta' attriċi, li l-kambjala toħloq obligazzjoni bejn il-partijiet kontraenti li hija għal kollox separata u indipendenti min-negozju ġuridiku li jkun wassal għall-ħruġ tagħha, u li minħabba f'hekk, fl-azzjoni kambjarja, l-eżami kondott huwa ġeneralment limitat għar-rekwiżiti formali tal-kambjala (ara fost oħrajn **Charles Gatt nomine vs Joseph Vassallo Gatt nomine**, Kummerċ, 15.11.1993). Pero', kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza **John Giordmaina et vs Joseph Pace**[1], *'jeżistu fehmiet diverġenti kemm fost l-awturi kif ukoll fil-ġurisprudenza lokali dwar din il-materja'*, partikolarment jekk hix permessa investigazzjoni dwar l-obbligazzjoni oriġinali, u l-validita' tagħha, meta l-kambjala ma tkunx ġirata, u allura l-ħlas tagħha jkun qed jintalab mit-trattarju kontra t-traent. B'hekk, dik il-Qorti ħalliet miftuħa l-kwistjoni jekk, rinfaċċjata b'talba għall-ħlas ta' kambjala, imressqa mit-trattarju kontra t-traent, Qorti għandhiex tillimita l-investigazzjoni tagħha għall-eżistenza tar-rekwiżiti formali għall-validita' tal-kambala, inkella għandhiex tqis dik il-kambjala sempliċement bħala mezz biex jiġi faċilitat il-ġbir tal-ħlas dovut fl-obbligazzjoni oriġinali kuntrattata bejn il-partijiet, u allura tidħol f'eżami usa' ta' dik l-obbligazzjoni oriġinali.

Wara li qies id-disposizzjonijiet rilevanti fil-**Kodiċi tal-Kummerċ**, inkluż l-**art. 197** li fuqu tinsab bazata l-posizzjoni meħuda mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Giordmaina et vs Pace** fuq ċitata, u segwita fil-każ aktar riċenti **Zammit vs Mifsud et** fuq ċitat, u wkoll id-dottrina u l-ġurispdrudenza ċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-istess sentenza **Giordmaina et vs Pace**, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-liġi tagħna għadha sallum tħares lejn il-kambjala bħala mezz kif jiġi faċilitat il-kummerċ, u għalhekk għadha tissalvagwardja l-eżistenza separata u indipendenti tal-kambjala mill-obligazzjoni oriġinali li fil-qafas tagħha tkun ġiet iffirmata. L-**art. 199** tal-**Kodiċi tal-Kummerċ** ma jiddistingwix bejn il-każ meta jintalab ħlas ta' kambjala kontra t-traent innifsu, mit-trattarju, u l-każ meta l-ħlas jintalab mit-terz pussessur. Jgħid sempliċement li *'Ma tistax issir opposizzjoni għall-ħlas ta' kambjala ħlief fil-każ ta' telf tal-kambjala jew ta' falliment tal-pussessur'*. Mill-banda 'l oħra, l-**art. 197** tal-istess Kodiċi jirreferi għall-eċċezzjonijiet *'**persunali** għall-ġiranti'*, mingħajr ma jinkażella dawn l-eċċezzjonijiet bħala dawk konnessi mal-obbligazzjoni oriġinali li fil-qafas tagħha tkun

[1] 7.6.2006

ġiet emessa l-kambjala, u jimpedixxi li dawn jingħataw kontra t-terz pussessur, li favur tiegħu tkun ġiet ġirata l-kambjala, preċiżament sabiex jiġi faċilitat in-negozju bejn il-kummerċjanti bil-kambjali.

Fil-każ tallum, il-konvenut donnu jargumenta li l-obbligazzjoni tal-ħlas tal-kambjali mertu ta' din l-azzjoni ġiet estinta bir-risoluzzjoni tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-prezz tal-vettura li huwa kien xtara mingħand is-soċjeta' attriċi, u li għaliha ffirma l-istess kambjali, meta rritorna dik l-istess vettura lis-soċjeta' attriċi, u din allegatament aċċettatha, u rrinunzjat għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz.

Oltre li l-konvenut ma ġab ebda prova ta' dan ir-ritorn tal-vettura u r-riżoluzzjoni tal-bejgħ, u wisq anqas tar-rinunzja tas-soċjeta' attriċi għall-ħlas tal-prezz tagħha, anzi kien neboluż ferm fix-xiehda tiegħu anke dwar iż-żmien meta allegatament sar dan ir-ritorn tal-vettura, in kwantu din hija azzjoni kambjarja, huwa kellu jressaq prova li l-istess kambjali ġew kunsinnati lilu u jinsabu fil-pussess tiegħu (**art. 194**, **Kodiċi tal-Kummerċ**) jew m'għadhomx jeżistu (**art. 199**, **Kodici Civili**). B'dak il-mod biss seta l-konvenut jeżimi ruhu mill-obbligu tal-ħlas ta' dawn il-kambjali. Din il-prova pero' ma tirriżultax mill-atti.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, it-Tribunal jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u jilqa' t-talba attriċi kontra tiegħu kif dedotta, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' elf, mija u tmienja u disghin Ewro, erbgħin ċenteżmu (€1,198.40ċ), bl-imgħax mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**